

# L-Arkitettura Barokka tal-Kolleġata Bażilika Sant' Elena

**Tagħrif u dati mportanti fuq il-proċess ta' kostruzzjoni tal-knisja**

1.1. Introduzzjoni

Il-Gżejjer Maltin huma kkaraterizzati b'numru kbir ta' knejjes li jinsabu f'kull belt u raħal. Dawn il-knejjes apparti li ghandhom valur storiku u artistiku kbir huma wkoll mibnija fil-qalba ta' kull belt u raħal. Birkirkara kienet eċċezjoni, għaliex l-knisja l-qadima li giet mfassla mil-arkitetti Vittorio Cassar (c. 1550-1609) u Tumas Dingli (1591- 1666), kienet tinsab fil-periferija tar-Raħal. Il-knisja l-Qadima dedikata lill-Santa Marija, kienet imfassla fil-bidu tas-seklu sbatax minn Vittorio Cassar u ġiet kompluta minn Tumas Dingli. Tumas Dingli kien prinipalment responsabbli gat-tfassil tal-faata tal-knisja. Il-faata ta 'din il-knisja huwa l-aspett arkitettoniku prinipali tal-knisja u giet mibdija fl-1617. Din il-knisja serviet bala l-knisja kollejata ewlenina ta' Birkirkara sal-1727 meta ie sostitwita bl-knisja attwali ta' Sant'Elena. Għal fehim aħjar tal-knisja kolleġġjata l-ġdida ta' Sant'Elena huwa imperattiv li nsemmu ftit l-knisja parrokkjali l-qadima ta' Birkirkara u r-raġunijiet għaliex din l-knisja ġiet abbandunata wara li nbniet l-knisja l-ġdida meħtieġ biex jinbnew sabiex tissostitwixxi l-qadima.

Il-knisja l-qadima ta' Birkirkara kienet il-knisja kolleġġjata prinċipali. Din il-knisja l-qadima kien ikkummissjonata mill-kappillan ta' dak iż-żmien, Reverendu Filippu Borgia. Iskrizzjoni bil-Latin fuq il-faċċata ta' din il-knisja tgħid li l-knisja twaqqfet fis-sena 1617. Fis-sena 1630, il-Papa Urban VIII, uffiċċjalment tagħha t-titolu ta' Kolleġġjata lil knisja parrokjali ta' iż-żmien, illum l-knisja l-qadima. Din kienet l-ewwel knisja f'Malta li ġiet elevata għat-titolu ta' Kolleġġjata. Din il-knisja hija ppjanata fuq pjanta bbażata fuq salib Latin, li tikkonsisti f'korsija prinċipali, l-kappelluni tal-ġenb u l-kor.

Wara t-tlestija tal-knisja attwali ta' Sant Elena, l-knisja parrokkjali l-qadima ddedikata lil San Marija nghalqet u ġiet abbandunata. Wara din in-neglienza, partijiet konsiderevoli tal-knisja waqgħu. Partijiet oħra tal-knisja kienu wkoll meqruda, bħall-pediment triangolari fuq il-faċċata tal-knisja u parti mill-koppla. Fortunatament, il-knisja ġiet mibnija mill-ġdid fi żminijiet riċenti kif nafuha llum. Jidher li l-knisja l-qadima nbniet kontra r-rieda tal-parruċċani. Iż-żona fejn il-knisja l-qadima tinsab ġabet magħha ħafna problemi. L-ewwelnett, ma kienx fil-qalba tar-Raħal u kienet tinsab f'distanza konsiderevoli mill-qalba tar-raħal. Fatturi oħra importanti kienu li t-toroq li jwasslu għas-sit kienu mħarbtin u mhux faċilment aċċessibbli u li n-nies kellhom wkoll jaqsmu mill-wied biex tmur il-knisja. Jekk il-kondizzjonijiet tat-temp ma tkunx tajba, kien ikun diffiċli ħafna li jaqsmu l-wied għalhekk; ftit nies kienu jmorru l-knisja. Dawn il-kondizzjonijiet avversi irriżulta fin-nies



inqas li jmorru lill-knisja biex jattendu għall-quddies u l-festi li kienu jiġu ċċelebrati mill-parroċċa. Fil-bidu tas-seklu 18, il-parruani riedu li tinbena knisja fil-ċentru tar-raħal. Għal dan il-għan, l- Isqof Canaves għamel jara pastorali f' Ottubru tas-sena 1716, sabiex jindirizza l-problemi ffaċjati mill-parruċani. Wara l-bir tal-fondi, l-għażla tas-sit il-ġdida u x-xiri ta' art li kien hemm bżonn tinxtara, kien wasal iż-żmien jinbeda x-xogħol fuq il-bini tal-knisja l-ġdida.

1.2. Dati mportanti mill-bidu tal-kostruzzjoni sal-konsagrazzjoni tal-knisja Kolleġjata ta' Sant' Elena.

Id-29 ta' Novembru 1726 kien jum importanti ħafna għaliex f'din il-ġurnata nbeda ix-xogħol fuq il-kostruzzjoni tal-knisja l-ġdida. L-annotazzjoni rilevanti msemmija fil-kotba tal-pagamenti tgħid, '*Si incomincio lavogliare, tagliando pietre, smurrando le muree della habitationi, e nettando materiale*'. Il-kotba tal-pagamenti kienu jgħidulhom *'Il-Libri della Fabbrica'* u fihom hemm miktub il-pagamenti kollha li ngħataw lill-ħaddiema matul il-proċess tal-kostruzzjoni. Fl-arkivju tal-knisja, illum fadal l-ewwel erbgħa volumi li fihom hemm dokumentat għaxar snin mil-bidu tal-kostruzzjoni, bejn 1726 u 1737. L-ewwel pagamenti kienu maħruġa lill-ħaddiema, fit-23 ta' Diċembru 1726. F'din il-ġurnata ħadmu biss erbgħa ħaddiema u kienu ddeskriviti bħala '*picconieri*.' Iktar max-xogħol beda jiżdied, iktar ħaddiema bdew jiġu nvoluti. Kull ħaddiem kien jiġi ikklassifikat skont l-irwol tiegħu fuq is-sit tal-kostruzzjoni. Dawn l-ħaddiema kienu jiġu ikklasifikati taħt dawn l-irwoli, *Picconieri, Pietore, Tauagliatori, Del Fango, Lavoranti, Mastizzieri, Carauanisti* u *Muratore*. L-arkitett tal-Kolleġġjata l-ġdida ta' Sant'Elena kien deskritt bħala Capo Mastro. Il-maġġoranza tax-xogħol involut, sseħ bejn ix-xhur t'April u Ottubru. Matul dawn ix-xhur il-medja tal-ħaddiema li kienu rreġistrati fil-kotba tal-pagamenti kienu jammontaw għal iktar minn għoxrin f'kull ġurnata tax-xogħol. Matul ix-xitwa, ix-xogħol fuq il-kostruzzjoni tal-knisja xorta kien jibqa għaddej, iżda kienu jkunu involuti inqas ħaddiema, madwar erbgħa jew l-iktar sitta f'kull ġurnata tax-xogħol.



Dawn huma uħud mill-iktar dati mportanti li huma dokumentati fil-proċess tal-kostruzzjoni fuq il-knisja ta'Sant' Elena.
□□□□□ F'din is-sena saret iċ-ċerimonja solenni li ċċelebrat it-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-knisja kolleġġjata l-ġdida ta' Sant'Elena. Din iċ-ċerimonja ġiet iċċelebrata mill-isqof Fra Gaspar Gori Mancini fis-27 ta' April, 1727.□□□□□Il-knisja

kienet fi stat avvanzat ta' kostruzzjoni. 1735: Il-knisja kienet fil-proċess li tkunu msaqqfa. F'din s-sena jidher li is-saqaf tal-knisja kien fil-proċess li jibda jisaqqaf. Għalkemm s-sena 1735 hi miktuba fuq l-aħħar arkata tal-korsija, il-kotba tad-dokumenti ma jurux eżatt jekk kienx inbeda jew tlesta fis-sena 1735. Kull indikazzjoni meħuda minn dawn il-kotba però fiċ-ċert li is-saqaf inbeda f'din is-sena. 1736: Fis-16 ta' Ġunju, 1736, l-arkitett Dun Nicola Borg biddel parti mid-disinn oriġinali tal-knisja li kien għamel l-arkitett Salvu Borg. Għalkemm il-kotba tad-dokumenti jgħidu biċ-ċar li Dun Nicola Borg biddel parti mid-disinn oriġinali, ma jsemmix preċiżament liema parti mill-knisja kienet li biddel. 1745: L-Isqof Alpheran de Bussan solennement bierek l-knisja l-ġdida fis-19 ta 'April 1745. Il-maġġoranza tal-knisja f'din is-sena kienet mibnija. Għalkemm, il-knisja ma kienetx għadha lesta minn kollox, il-kapitlu Elenjan iddeċieda li kien wasal iż-żmien li jitlaq mill-knisja l-antika f'din is-sena u jibda il-ħidma pastorali tiegħu mill-knisja l-ġdida ta' Sant'Elena. 1760: Il-koppla ġiet mibnija f'din is-sena.1768: Il-dekorazzjoni skulturali tal-koppla kienet mitmuma u l-koppla kollha kienet ġiet velata fl-istess sena.1782: Il-knisja kolleġjata ta'Sant'Elena ġiet uffiċjalment ikkonsagrata fl-20 ta' Ottubru, 1782 mill-Isqof Vincenzo Labini. Irħama bl-arma ta' l-istess Isqof ġiet imwaħla fuq il-bieb maġġur tal-knisja li fiha tikomemora wieħed mill-iktar episodju importanti fl-istorja tal-knisja l-ġdida. 1791: Waħda mis-sagristiji prinċipali tal-knisja, li rinsab wara l-kappella tas-Santisimu Sagrament, ġiet mibnija fl-1791. Din id-data hi miktuba fuq waħda mill-arkati tas-saqaf tagħha.

1.3. L-arkitett tal-Kolleġġjata Bażilika ta' Sant' Elena.

Matul is-snin, studjużi differenti taw l-attribuzzjoni tagħhom dwar l-arkitett tal-knisja ta' Sant' Elena. Xi wħud minn dawn l-attribuzzjonijiet saru sempliċiment fuq termini stilistiċi. Studji mportanti li saru fil-kotba tal-pagamenti, jissuġerixxu li l-knisja l-ġdida ġiet ddisinjata mill-arkitett Borg Salvu (1662-1733). Studjużi differenti attribwixxew l-knisja l-ġdida ta' Sant'Elena lil arkitett Domenico Cachia. Meta wieħed jara sew l-kotba tal-pagamenti jinduna li Domenico Cachia qatt ma kien imsemmi f'dawn il-kotba. Fil-kotba tad-dokumenti hemm miktub bl-iktar mod ċar li *'Al Capo Mastro Salvu Borg per suo disegno del nouo tempio a bon conto scudi 35.'* Din il-kitba mportanti ġiet miktuba f'Awwissu tal-1728. Din il-kitba li ġiet ippublikata mis-Sur Philip Xuereb fl-2005 fil-pubblikazzjoni *'Birkirkara: Storja, kolleġġjata, knejjes filjali,'* tikkonferma li l-arkitett tal-knisja ta' Sant'Elena hu Il-*Capo Mastro* Salvu Borg mis-Siġġiewi.



Salvu Borg, iben Gio Maria u Domenica Borg mis-Siġġiewi, twieled fis-17 ta' Diċembru, 1662. Salvu Borg kien miżżeweġġ lil Theresa Borg u kellhom seba' tit-tfal. Apparti l-Knisja Kolleġġjata ta' Sant' Elena, Salvu Borg magħtul il-karriera tiegħu kien involut f'żewġ proġetti oħra biss. Dawn huma l-faċċata tal-knisja tad-Dumnikani ġewwa r-Rabat u l-arranġament struturali tal-knisja ta' San Publiju ġewwa r-Rabat, li hemm tmiss mal-parroċċa ta' San Pawl. L-Arkitett Salvu Borg miet f'Settembru tas-sena 1733 fl-eta' ta' 71 sena.

Il-valuri storiċi u artistiċi li jsawru din l-knisja majestuża, jikkonfermaw li hi waħda mill-isbaħ knejjes barokki li għanda f'Malta li ġiet mibnija fis-seklu 18 u ninsab ċert li r-raħal tant għażiż għalina ta' Birkirkara jirringrazzja u jrodd ħajr lill missirijietna ta' dan it-teżor li tawna u li qed ngawdu illum f'ġieħ u qijma lejn l-patruna tagħna Sant'Elena.

(Din l-informazzjoni mogħtija f'dan l-artiklu hi parti minn teżi ta' l-istess awtur li giet issotometata fid-dipartiment tal-Istorja ta' l-Arti ġewwa l-Universita' ta' Malta f'Mejju 2011)